# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 19 ta' Frar tas-sena 2002.**

**Numru 15**

**Avviz numru 474/00/SM**

**Anthony Meli**

**vs**

**Godfrey Vella u martu Maria Isabella Vella**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat iz-17 t'April tas-sena 2000 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:**

1. **Ihallsu dik is-somma li tigi likwidata minn dina l-Qorti bhala danni u spejjez sofferti mill-attur b'konsegwenza ta' perkolazzjoni ta' ilma mill-fond taghhom Summer Flats, Flat 2, Triq Raddet ir-Roti, San Pawl il-Bahar ghal gol-fond Twamar Flats, Flat 1, Triq Raddet ir-Roti, San Pawl il-**

**Bahar proprjeta' tal-attur u liema danni gew ikkagunati b'tort u htija unikament taghhom;**

2. **Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-31 t'Awissu 1999 u bl-imghaxijiet legali mill-31 t'Awissu 1999 sal-effettiv pagament kontra l-konvenuti li gew ngunti ghas-subizzjoni;**

3. **Ghall-fini tal-kompetenza jigi ddikjarat li d-danni u spejjez reklamati ma jeccedux is-somma ta' erba' mija u hamsin lira Maltin (LM450.00,0);**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata s-6 ta' Gunju tas-sena 2000 li permezz taghha eccepew is-segwenti:**

1. **Illi t-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez peress li hija nfondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt, peress li l-konvenut m'hu bl-ebda mod responsabbli ghall-allegat dannu ilmentat;**

2. **Salv kull eccezzjoni ohra jekk ikun il-kaz;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti meritu ta' din il-procedura jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi s-saqaf tal-kcina tal-fond residenzjali ta' l-attur kien qed iqattar l-ilma li carcar fuq il-"cupboards" tal-kcina ta' l-istess attur u ikkagunawlu l-hsara;**

2. **Illi l-mastrudaxxa li rripristina l-kcina fl-istat originali taghha kien ta' stima ta' mitejn u hamsin Lira Maltin, (LM250.00,0);**

3. **Illi stante li kien hemm hsarat ukoll fis-saqaf tal-kcina de quo l-perit li l-attur inkariga biex jistma l-hsara sofferta stabbilixxa dan fl-ammont ta' mitt Lira Maltin, (LM100.00,0), biex jigu rripristinati s-soqfa u l-hitan;**

4. Illi l-attur jallega wkoll spejjez ta' natura legali ammontanti f'disa' u disghin Lira Maltin u hamsin centezmu, (LM99.50,0);

5. Illi l-perkolazzjoni ta' l-ilma li kkawzat il-hsarat fuq riferiti tirrizulta li damet sew ma tigi ndividwata bi precizjoni ghalkemm, kemm il-perit ta' l-attur kif ukoll l-impjegati tal-Korporazzjoni tas-Servizzi ta' l-Ilma kienu certi li l-kawza unika kienet kanna ta' l-ilma imkissra fil-proprjeta' tal-appartament sovrastanti dak ta' l-attur, senjatament dak proprjeta' tal-konvenuti;

6. Illi in effetti meta l-kanna fuq riferita giet sostitwita l-perkolazzjoni ta' l-ilma giet interrotta;

**Ghaldaqstant din il-qorti hi sodisfatta li l-attur ipprova l-kaz tieghu skond il-ligi u konsegwentement, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti tilqa' t-talbiet attrici u:**

1. Tiddikjara lill-konvenuti unikament responsabbli ghall-hsarat de quo;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont komplessiv ta' erba' mija u disa' u erbghin Lira Maltin u hamsin centezmu, (LM449.50,0);

3. Tikkundanna lill-konvenuti konjugi Vella biex ihallsu l-ammont hekk likwidat lill-attur Meli, bl-ispejjez u imghaxijiet skond il-ligi.

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**